MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Mandat Numru. 922/2011/1

**Baskal Farrugia iben Angelo Farrugia u Giorgio nee Farrugia imwieled u residenti z-Zurrieq u martu Carmen**
**Farrugia, bint Joseph D'Amato u Marianna nee Farrugia, imwielda u residenti z-Zurrieq**

**vs**
**Brigitte Farrugia legalment separata minn zewgha Joseph Farrugia, bint Nazzareno Gauci u Carmen nee Baldacchino, imwielda Pieta u residenti San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar u l-istess Joseph Farrugia iben Baskal Farrugia u martu Carmen nee Farrugia imwieled Pieta u residenti z-Zurrieq, dan tal-ahhar ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tat-8 ta' Lulju 2011;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta Lulju 2011 fejn laqghet provvizorjament
it-talba tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata li saret fil-11 ta' Lulju 2011;

Rat li l-intimat ma ppresentax risposta bil-miktub;

Semghet lid-difensuri tar-rikorrenti u l-intimata fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2011.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi immirata biex izzomm lill-intimata milli tiddisponi mill-proprjeta taghha 78 Triq San Leonardu, Kirkop liema fond ppervjena lilha mill-kuntratt ta separazzjoni personali li sar bejnha u zewgha l-intimat fit-12 ta' Lulju 2006. Hi il-pretensjoni tar-rikorrenti li huma l-genituri tal-intimat illi huma silfu brevi manu lill-intimati li kienu mizzewwga s-somma ta' Euro 45,587.46 kif allegatament jirrizulta mill-estratt tal-kont bankarju tal-intimati esibit mir-rikorrenti liema somma tidher li giet depozitata fl-imsemmi kont fl-2003. Ir-rikorrenti isostnu li wara s-separazzjoni l-fond mess lill-intimata u bi skrittura bejn l-intimati datata fl-istess jum tal-kuntratt ta'

separazzjoni gie maqbul bejniethom illi l-intimata tbiegh l-imsemmi fond u illi fost affarijiet ohra mir-rikavat jithallsu l-ġenituri tal-intimat is-somma bilancjali dovuta cioe Euro 34,940.60 liema somma tifforma il-pretensjoni li dwarha qed jintalab il-hrug ta' dan il-mandat.

Ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-intimata qed tipprova tbiegh il-fond minghajr ma  thallas il-bilanc tad-debitu meta tbiegh il-propjeta kif bi glied hi nfurmathom. Dan irrenda necessarju l-hrug tal-mandat ghax altrimenti d-dritt taghhom jista' jigi rrimedjabbilment iffrustrat.

L-intimata irrispondiet illi l-iskrittura torbot biss lill-intimati u ma jistghux jenforzawha r-rikorrenti li ghalihom hi res inter alios acta. Inoltre anki jekk tali skrittura ghandha forza fil-konfront tar-rikorrenti ma tistax tigi enforzata ghax preskritta. Apparti dan l-iskrittura ma ghandha ebda effett legali ghax il-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta bil-kuntratt u mhux permezz ta' skrittura.  Fl-ahhar hu sottomess illi ma jezistix l-element tal-irrimedjabilita tal-hsara jekk ma jinharigx il-mandat.

L-intimat irrisponda verbalment illi hu jaqbel li d-debitu hu dovut minnu u l-intimata.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti pprovaw prima facie li ghandhom id-dritt allegat ghal kreditu minnhom pretiz fil-konfront tal-intimati. Dan jirrizulta kemm mill-kont bankarju esibit u anki mill-istess skrittura. Dan qed jinghad dejjem qua prova prima  facie tal-kreditu u bl-ebda mod ma l-Qorti qed tidhol jekk fil-fatt il-kreditu hux dovut jew esigibbli, hux preskritt jew jekk fil-fatt l-istess skrittura hix valida fil-ligi jew le u lil min torbot.  Dawn huma konsiderazzjonijiet fil-mertu tal-azzjoni li qed jithallew impregudikati.

Il-Qorti pero ssibha difficli tirrinkoncilja l-pretensjoni tar-rikorrenti ma pregudizzju jew hsara rrimedjabbli bin-nuqqas ta' hrug tal-mandat. Fl-ewwel lok jidher illi l-kreditu hu dirett fil-konfront taz-zewg intimati u ma ngiebet ebda prova li l-kreditu ser jigi eluz b'mod irrimedjabbli anki da parti tal-intimat hu x'inhu l-ftehim intern bejn l-intimati skond l-imsemmija skrittura.  Inoltre lanqas ingiebet prova

illi bil-bejgh tal-proprjeta r-rikorrenti ser isofru xi pregudizzju billi r-rikavat ta' kwasiasi bejgh hu dejjem suxxettibli li jigi kolpit bil-mandat prottettiv appositu. Wiehed ma jridx jinsa illi d-dritt reklamat mir-rikorrenti hu pekunjarju li jekk kanonizzat b'decizjoni tal-Qorti jista' jigi nforzat fuq l-assi mobbli w immobbli tad-debituri ezistenti. Bil-hrug ta' dan il-mandat il-Qorti mhix sodisfatta li hu necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti (ara **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** App Kumm 05/08/1954) jew li l-hsara li tigi kagunata bil-bejgh ma hemmx alternattiva ghaliha jew li l-alternattiva hi sproporzjonata (ara **Victor Mizzi vs Joseph Gasan et,** Rik Inib 4216/1992 JDC).

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti filwaqt li tirrevoka d-digriet provvizorju taghha tat-8 ta' Lulju 2011 qed tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------